MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2014

Numru. 344/2007

**Il-Pulizija**

**Assistent Kummissarju Martin Sammut**

**VS**

**Roderick Grech, iben Grazio u Antonia nee' Mifsud, imwieled Tal Pieta' nhar l-10 ta' Novembru, 1985, residenti fil-fond numru 15, Misrah il-Bjar, Zejtun, detentur tal-karta tal-identita' numru 554285M;**

**U Stephen Portelli, iben Carmelo u Carmen nee' Mangion, imwieled Tal Pieta' nhar id-19 ta' Ottubru, 1977, residenti fil-fond numru 30, Triq il-Kbira, Tarxien, detentur tal-karta tal-identita' numru 541877M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija **Roderick Grech** u **Stephen Portelli** li gew akkuzati talli f’dawn il-Gzejjer, nhar id-19 ta’ Novembru, 2006, ghall-habta tal-hamsa ta’ filghodu (05.00hrs), gewwa l-parkegg maghruf bhala Pender Place, sitwat fi Triq Sant’Andrija, San Giljan, u kif ukoll fil-vicinanzi:

Ikkagunaw offizi ta’ natura gravi fuq il-gisem ta’ Nazzareno Dimech u dan bi ksur tal-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, u cioe’ vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAA801 tal-ghamla Daewoo ghad-dannu ta’ Nazzareno Dimech, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50.00), izda inqas minn hames mitt Lira Maltin (Lm500.00), u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Roderick Grech wahdu akkuzat talli huwa recidiv, b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), moghtija nhar il-11 ta’ Lulju, 2006, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, kif ukoll illi l-imputati ma kellhom ebda oggezzjoni ghall-istess.

Rat ukoll illi l-imputati t-tnejn wiegbu li ma kinux hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghhom.

Siccome din il-kawza si tratta ta' griehi ta' natura gravi u ta' danni volontarji, xehed il-**parte leza Nazzareno Dimech**.

Qal dan illi hu flimkien ma' kuginuh kien miexi gewwa Pender Place, gol-parking tal-istess. Qal illi kien sejjer iwassal lil siehbu ghall-karozza, hemm ra erbgha fis-sakra. Dawn, skondtu ghalxejn b'xejn, bdew joffenduh u marru ghalih. Hu kien diga' fil-karozza. Qal illi dawn kellhom karozza Skoda, dahlu bil-karozza taghhom gol-mudguard u qabdu lembuba li skondtu gabu mill-boot u tawh biha. Qal illi bil-lembuba kissrulu l-hgiega, harguh mill-vettura u bdew jaghtuh biha. Spjega li huma fethu l-bieba, kissru l-bieba bil-lembuba, qabduh u tefghuh mal-art. Iddeskriva li qabduh minn ghonqu, tefghuh mal-art, tawh daqqa fuq ghonqu, u ntilef minn sensieh. Qal illi hu qatt ma kien tkellem ma' dawn, u li maghhom kien hemm tnejn ohra, u kien hemm ukoll tfajla. Gharaf lill-imputati bhala l-aggressuri tieghu.

Konsegwenza tad-daqqiet qal ukoll illi spicca bil-punti u li dam jumejn l-Isptar.

Dwar il-karozza spjega li din sofriet danni li qalaghulha l-mudguard ta' quddiem, il-mera ta' barra u l-hgiega tan-naha tas-sewwieq.

Qal illi hu kien diehel go Pender Place meta gara l-incident. Rahom hdejn il-barrier, ma kellimhomx, baqa’ sejjer ma’ siehbu. Qal illi meta aggredewh dahlu fuqu bil-karozza, harguh u tawh daqqa ta’ lembuba. Il-karozza tieghu kienet Daewoo Racer BAA801. Qal illi hu dak il-hin kien ghaddej bit-tletin. Zied illi l-karozza l-ohra kellha l-bonnet mgholli. Insista li qala’ xebgha bil-lembuba li huma gabu mill-bagoll. Qal illi l-lembuba sabuha l-pulizija, gharafha fl-Awla, pero ma kinx jaf jghid f’idejn min kienet.

Ezebixxa r-ritratti tal-hsarat tal-vetturi (folio 47), kif ukoll ic-certifikati medici li juru l-griehi ta’ natura gravi (Dok ND2 a folio 48 – 49).

In kontro ezami, **hames (5) snin wara (enfasi tal-Qorti)**, qal illi llum, cioe’ meta kien qed jixhed, ma kinx jiftakar lin-nies illi kien xehed fuqhom dwar l-incident tal-Pender Place. Ftakar pero li kien laqat persuna u li kien instab hati ta’ dan ir-reat involontarju. Qal illi hu, hu u diehel Pender Place, ma kinx induna li gara dan, cioe’ li laqat persuna. Xorta baqa’ ma jafx ghalfejn l-irgiel grew warajh. Ftakar illi l-erbgha li semma kienu fis-sakra, pero ma ftakarx l-istat tieghu, anzi aktar tard fix-xhieda jghid illi fil-fatt ma kinx jiftakar illi kien laqat persuna.

Ikkonferma li l-marka li kellu fuq ghajnejh kienet konsegwenza tad-daqqa li qala’.

**Dr Thomas Aquilina** xehed illi kien ikkura lill-parte leza li kellu lacerazzjoni fuq haddejh ix-xellugija, brix fuq ghonqu u spalltu, tenderness fl-abdomen u fin-naha ta’ nasu f’rasu. Iddeksriva l-griehi bhala gravi.

**<u>Dr Mario Scerri</u>**, mahtur minn din il-Qorti appozitament, iddeksriva l-griehi fir-rapport tieghu (Dok MS), hekk:

1. "*Illi Nazzareno Dimech allega li f'Novembru, 2006, huwa ntlaqat b'injama minn zewg irgiel;*

2. *Illi rizultat ta' dan l-incident, huwa spicca l-Isptar Mater Dei fejn kellu xi sutturi nseriti;*

3. *Illi l-lezjoni ndikata minn Dimech kienet tikkonsisti f'cikatrici li kienet rizultat ta' lacerazzjoni li giet suturata rizultat ta' blunt trauma maghmula bi strument li jaqta' u bil-ponta;*

4. *Illi din il-lezjoni tidher bhala marka fil-wicc within talking distance u tibqa' bhala marka permanenti.*"

**<u>Raymond Borg</u>** xehed dwar id-danni sofferti mill-vettura bhala panel beater. Qal dwar l-ircevuta ezebita, illi hu kien hareg din fuq karozza li kien hadlu certu wiehed Samwel u qallu li kienet ta' ibnu. Qal illi kien ivverifika l-ispejjez tal-parts, u kkonferma l-istima, ghalkemm qal illi ma kinx sewwa l-karozza.

Ghalhekk dwar il-vettura, **<u>Brian Farrugia</u>** ghan-nom ta' Transport Malta, xehed illi l-vettura BAA801 kienet Daewoo Racer bajda, kienet issejjah lil certu Sammy Dimech; u vettura

ohra AAC107 kienet Skoda Favorit li kienet issejjah lil Stephen Portelli, il-ko-imputat (Dok BF folio 109).

Minn naha tieghu, is-**Supritendent Martin Sammut** qal illi meta hu kien stazzjonat San Giljan gie nfurmat b'incident awtomobbilistiku li gara gol-parking ta' Pender Place. Gie rapurtat lilu wkoll argument bejn ix-xufiera. Qal illi mill-investigazzjoni, ikkonstata li kienet giet imtajra tfajla li kien jisimha Annalise Briniano. Gie rapurtat lilu li l-vettura nvoluta baqghet sejra. Qal illi mill-investigazzjoni rrizulta li wahda mill-vetturi nvoluti kienet Daewoo bin-numru BAA801 li kienet misjuqa minn certu Stephen Portelli, u allegatament giet milquta karozza ohra misjuqa minn Nazzareno Dimech. Il-vettura l-ohra kienet misjuqa minn certu Stephen Portelli tal-ghamla Skoda bin-numru tar-registrazzjoni AAC107 li suppost skont ir-rapport kellu mieghu passiggier bl-isem ta' Roderick Grech.

Ezebixxa wkoll is-sentenza Dok MS folio 128, fil-konfront ta' Nazzareno Dimech dwar l-incident in dezamina.

Din Annalise Briniano fil-fatt ittiehdet l-Isptar.

Ha zewg stqarrijiet tal-imputati li gew ezebiti bhala Dok AC1 (folio 74) dik ta' Roderick Grech, u Dok AC2 (folio 76) dik ta' Stephen Poertelli.

Qal illi hu tkellem ukoll ma' Nazzareno Dimech li tah verzjoni li kien gie aggredit b'lasta tal-injam u anke li garrab hsara fil-vettura. Ikkonferma l-istima li rcieva minghand l-aggredut u anke r-ritratti li tah l-istess.

In kontro ezami kkonferma li ttiehdu anke proceduri fil-konfront tal-parte civile. Ittiehdu wkoll proceduri kriminali. Ikkonferma li ebda footage tal-incident fil-parking ma kien ingabar. Lanqas ma kien hu li kellem lis-security tal-Pender Place. Ikkonferma li ma sar ebda ezami forensiku fuq il-vetturi. Ikkonferma wkoll illi Nazzareno Dimech mieghu kien ikkonferma li kien laqat tfajla bil-mera, dan nonostante li meta xehed dan Dimech ma ftakar xejn. Ikkonferma li l-bastun gie elevat u ezebit.

Ikkonferma wkoll illi fix-xhieda (in kontro ezami) li kien ta dan Dimech, dan ried iwaqqaf il-proceduri u li kien hafer lill-imputati.

**<u>Annalise Brignone</u>** minn naha taghha xehdet illi kienet diehla fil-parking ta' Paceville – hi, Roderick, u xi hbieb ohra. Indikat lill-imputati. Spjegat illi l-parking kien maghluq l-iscones. Qalet illi kif kienet ser titla' fuq ic-central strip, ghax dahlet karozza, giet imtajra minn din il-vettura. Ta' din hadet in-number plate u tatu lill-pulizija. Ghamlet, minhabba l-griehi li sofriet f'saqajha, gimgha l-Isptar, kellha frattura. Mistoqsija jekk la waqghet, Stephen u Roderick baqghux maghha, wiegbet illi maghha baqghu hbieb ohra sakemm ittiehdet l-Isptar – ma kintix taf x'gara mill-imputati.

**<u>PS 635 Alan Calleja</u>** kkonferma li dwar l-incident fejn kienet ittajret persuna, illi s-security ha n-number plate. Ikkonferma li sabu – hu u shabu, karozza Daewoo bin-numru BAA801 li kellha l-hgieg imkisser u go fiha kien hemm persuna li kellha hafna demm ma' wiccha.

Qal illi huma bdew jippruvaw ikellmu lil din il-persuna, pero din kienet ixxukkjata hafna, ma setghetx tkellimhom, cemplu lill-ambulanza. Qal illi sakemm damu jistennew l-ambulanza, dahlet karozza Skoda AAC107 misjuqa minn Stephen Portelli, li mieghu kellu lil Roderick Grech, l-imputati. Ikkonferma li l-iSkoda kellha daqqa fuq quddiem u dawn ikkonfermawlu li d-Daewoo hi u diehla go Pender Place laqtet habiba taghhom.

Ezebixxa r-rapport tal-PIRS bhala Dok AC, anke li kien prezenti ghall-istqarrija Dok RC1 ta' Roderick Grech, u anke dik ta' Stephen Portelli li ghaliha kien ukoll prezenti.

Ezaminat ukoll l-istqarrijiet rilaxxati mill-ko-imputati, dan dejjem fid-dawl tal-Artikolu 661 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Qabel ma tghaddi biex tezamina l-kontenut tal-istqarrijiet, din il-Qorti tippremetti li z-zewg ko-imputati jirrizulta li gew moghtija d-debita twissija skont il-Ligi qabel ir-rilaxx tal-istess. Il-fedina penali taghhom, ghalkemm mhix ghal kollox nadifa, mhix riflettenti ta' reati ta' xi gravita' enormi. Pero b'dan kollu, l-eta' taghhom hija ndikattiva tal-fatt illi huma kienu qeghdin ben sew jifhmu d-drittijiet taghhom, u bl-ebda mod ma jirrizulta li sofrew xi pressjoni jew theddid, jew li wrew xi sinjali ta' vulnerabbilita' li kienet iggieghel lil din il-Qorti, in linea ma' decizjoni nostrani, tiskarta l-istqarrijiet - konsegwentement, tqis l-istess bhala ammissibbli.

Ghalhekk **Roderick Grech** fl-istqarrija tieghu qal illi ltaqa' flimkien ma' habib tieghu, ma' Annalise u Karen, u mal-5.00am l-erbgha kemm huma marru lejn il-parking tal-Pender Place, fejn minn warajh sema' daqqa u ra lil Annalise mal-art. Jammetti li marru b'karozza biex jaraw l-agent ta' dan l-incident min kien. Qal illi karozza b'kulur abjad habtet mal-karozza li kienu fiha huma. Nizlu minn gol-karozza. Qal illi s-sewwieq l-iehor fajjarlu daqqa u hu mbottah u waqa' mal-art.

Innega li hu ghamel xi hsarat fuq il-karozza ta' dan it-terz. Innega li ghajr l-imbottatura tah xi daqqiet.

**Stephen Portelli** stqarr illi kien Paceville ma' habib tieghu, u fil-parking ta' Pender Place karozza bajda laqtet lil Annalise, ghadda minn fuq saqajha u genbha tant illi kisser il-mera tal-passiggier. Baqa' sejjer dan. Jghid Portelli li hu mar ifittex lil dan bil-karozza tieghu, beda jdur bil-karozza, qal illi dan gie minn naha tax-xellug u baqa' diehel go fih minn naha tal-passiggier. Zied illi fil-karozza ma kinx wahdu, pero l-passiggieri tieghu nizlu u telqu.

Qal illi dan mar ghal fuqu u x'hin Portelli nizel mill-karozza beda jimbuttah. Jammetti li gew fl-idejn, li tah b'idejh.

Innega li kissirlu l-karozza, li kissirlu l-hgiega.

Dawk kienu l-provi prodotti.

Rat ukoll il-verbal fejn gie verbalizzat illi l-partijiet kienu qeghdin jahfru lil xulxin, u li kienu lesti jhallsu d-dejn lill-parte leza.

Rat ghalhekk l-Artikoli li bihom gew akkuzati l-imputati – l-Artikoli 216 u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet.

L-Artikolu 216(1)(b) jghid hekk:

"*(1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tliet snin* -

*jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*"

Certament u bla dubbju, Nazzareno Dimech sofra griehi ta' natura gravi fuq wiccu. Gharaf li kienu l-imputati li kienu kagun ta' dan, cioe' li tawh anke b'lembuba. Ma kinx jaf jiddistingwi f'idejn min kienet din il-lembuba, pero kien cert illi gie aggredit mit-tnejn minnhom. Ammettew iz-zewg imputati del resto, fl-istqarrija taghhom, illi fil-fatt gew fl-idejn mal-parte civile.

**<u>Ghalhekk issib htija ta' dan ir-reat fil-konfront tat-tnejn li huma ai termini tal-Artikolu 216(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.</u>**

Del resto, stante li t-tnejn mill-ko-imputati kienu responsabbli ghad-daqqiet illi sofra l-parte leza, allura l-griehi tieghu, ma kellux ghalfejn jigi identifikat min verament kellu l-lembuba ghax l-imputat jiftakar u jghid illi qala' daqqa fuq ghonqu u mhux fuq wiccu, fejn spicca sofra l-isfregju. Il-gravita' tal-griehi hija cara mix-xhieda ta' Dr Mario Scerri, allura ssib htija wkoll fil-konfront tar-reat taht l-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Artikolu l-iehor addebitat huwa l-Artikolu 325(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta – hsara volontarja.

Nazzareno Dimech jghid dwar dan illi s-sewwieq dahal fuqu b'mod volontarju, mentri s-sewwieq Portelli fl-istqarrija qal illi l-hsarat sofferti miz-zewg vetturi gew kagunati meta Dimech dahal fuqhom.

Certament id-dinamika tal-incident ma gietx fil-fatt verament pruvata. Fil-fatt, id-Difiza staqsiet jekk sarx ezami forensiku fuq il-vetturi – dan fin-negattiv ghax ma sarx.

Pero, ir-ritratti li ezebixxa l-parte leza juru stampa cara ta' impatt bejn zewg vetturi, ghalhekk daqqa ta' tali impatt fuq in-naha ta' mudguard tal-passiggier, imbaghad kjurjosament - u dan jaqbel mat-tezi tal-istess Dimech, il-hgiega tal-bieba tan-naha tax-xufier miksura, kompatibbli din ma' daqqa gol-istess.

**<u>Ghaldaqstant il-Qorti qieghda ssib htija wkoll fil-konfront taz-zewg akkuzati ai termini tal-Artikolu 325(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.</u>**

Dwar il-piena, qieset it-trapass ta' zmien illi ghadda f'din il-kawza, u anke li jidher illi l-partijiet waslu biex jirrangaw il-vertenzi ta' bejniethom, konsegwentement minhabba n-natura tal-akkuzi, qieghda tikkundannahom ghal piena karcerarja ta' tmintax(18)-il xahar sospizi ghal tlitt (3) snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta' Malta, u dan anke wara li rat l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna wkoll Ordni ta’ Restituzzjoni fl-ammont ta’ erba’ mitt Ewro (€400) li ghandha ssir fi zmien sitt (6) xhur, u dan wara li rat l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------